# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Mejju • Gunju 1994 Nru. 78

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

# Xtaqt Ngħidlek Kelma...

*Kif jitgerbeb iż-żmien! Filli nkantaw l-Carols tal-Milied, filli nieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, u f'daqqa waħda insibu ruħna fuq l-għatba tas-sajf. Veru li t-temp għadu ma qagħadx. Iżda ftit ġranet oħra u nibdew nonfħu u ngergru bis-sħana li taħkem fuqna.*

Hawn min iż-żmen tas-sajf ma jibdlu ma' xejn; u hawm min ukoll li jagħżel ix-xitwa. Gosti. Iżda jiena naħseb, li għalkemm kull żmien għandu s-sabiħ u l-ikrah tiegħu, it-tajjeb u l-ħażin, is-sajf joħolqilna sitwazzjonijiet diffiċli, li jekk ma noqgħodux attenti sewwa u b'għajnejna miftuħin, żgur li jiddispjaċina wara.

Din il-Kelma qed niktibhielek għax verament irridlek il-ġid. Tinsa' qatt li l-bniedem huwa l-aqwa opra ta' idejn Alla.

● Int ukoll!.......Int ukoll ħriġt minn idejn Alla.

● Int xbieha tiegħu, u għalhekk, għalih int IMPREZZABBLI.

◆ Qatt waqaft ftit u ħsibt daqsxejn li Alla tak il-ħajja għax IĦOBBOK?

◆ Qatt ġibt quddiem għajnejk li Alla ħalqek biex THOBB?

Iżda minkejja dan kollu aħna bnedmin dgħajfa ħafna. Kultant nimxu mal-moda. Min jaf wasalx iż-żmien li ssaqsi lilek innifsek jekk **intix nisrani tal-moda int ukoll.**

Kemm huma dawk fostna li jħallu lilhom infushom jiġu mkaxkra mill-moda ta' madwarhom. Xi kultant jippruvaw jiġġustifikaw lilhom infushom billi jgħidu: **"Isma', kulħadd hekk qed jagħmel!"** , u b'din l-iskuża mingħalihom li jistgħu jagħmlu kollox.

Waħda mill-ġerħat li ta' kull sena titfaċċa fuqna fis-sajf hija **d-"diżonesta' fl-ilbies".** Diżonesta' fix-xtut, diżonesta' fit-toroq, diżonesta' fid-djar u anke xi kultant fil-knisja. Tisma' nies jgħidulek li fuq ix-xtut jgħaddi kollox. X'jiġifieri jgħaddi kollox? Min minna jieħu gost imur sal-baħar, u jkollu jitlaq malajr minn hemm minħabba l-imġieba ħażina ta' xi uħud li jdardru lil kull min hu ta' l-affari tiegħu? Għaliex familji sħaħ qed jiġu pprivati milli jmorru fuq ix-xtajta biex jirrekrejaw ruħhom minħabba l-malji ta' l-għawm indiċenti, meta mhux ukoll għawm mingħajr malja? Il-Liġi tal-pajjiż ma tippermettix dan, u kull ċittadin għandu d-dritt jitlob l-għajnuna tal-Pulizija biex tiġi mħarsa l-Liġi.

Hi ħaġa li tweġġgħek meta tisma' li

*ikompli f'paġna 7*

## NIFIRĦU LIS-SINDKU TAL-BELT VICTORIA

F'isem l-Bord Editorjali tal-***Belt Victoria*** u l-Komunita' Parrokkjali kollha nixtiequ nifirħu lis-**SUR VICTOR GALEA** li ġie maħtur Sindku tal-Belt Victoria, wara l-elezzjonijiet għall-Kunsill Lokali tal-belt tagħna li saru nhar is-Sibt 16 ta' April 1994. Nawguraw lis-Sur Galea ħidma għaqlija b'risq beltna. Din il-ħidma tkun tista titwettaq biss jekk ikollu l-koperazzjoni tal-Kunsulieri kollha, l-għajnuna ta' l-għaqdiet u assoċjazzjonijiet tal-Belt Victoria u iktar u iktar tar-residenti kollha tal-belt ewlenija tagħna. Mhix ħidma faċli. Iżda d-dinamiżmu tas-sur. Galea żgur li juri li huwa l-persuna li tista twettaq ħafna u ħafna għall-ġid tal-Belt Victoria.

Nifirħu wkoll lill-Perit JOSEPH DIMECH li nħatar Viċi-Sindku u lill-kandidati l-oħra li ġew eletti biex jiffurmaw il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.


# ZEWG PELLEGRINAĠĠI GĦAL LOURDES

Nru.1 : 25 - 29 ta' Lulju - *FULLY BOOKED*

**Nru.2 : 1 - 5 ta' Awissu - *Baqa' biss ftit postijiet***

***Għal iktar tagħrif kellmu lill-Arċipriet kemm jista jkun malajr***

IL-BELT
VICTORIA

**RIVISTA TA' KULL XAHREJN**

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

27.03.94: CARM, iben Joseph Gatt u Orietta nee' Schembri
02.04.94: FELIĊ, iben Saviour Micallef u Francene nee' Zammit
23.04.94: JOSEF, iben Emanuel Mizzi u Rose nee' Bonnici
23.04.94: STACY, iben John Attard u Frances nee' Saliba
15.05.94: GRAZIELLA, bint Anthony Gambin u Josephine nee' Grech

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

10.04.94: SAVIOUR GATT u ANTIDA SPITERI
17.04.94: MARIO SALIBA u DEBORAH SACCO
23.04.94: VICTOR ATTARD u VICTORIA PISANI
24.04.94: ADRIAN SACCO u JAHEL PORTELLI
30.04.94: CHRISTOPHER THORTON u ROMINA VASSALLO
01.05.94: MARCELL BONNICI u EVELYN ZAMMIT
08.05.94: RAYMOND SAID u BEATRIX AZZOPARDI

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

15.04.94: ANTONIA TABONE
24.04.94: VIOLETTA GATT
15.05.94: TERESA SACCO

***Donazzjonijiet għar-Rivista:***

| | |
|---|---|
| Emanuel Attard (Aust) | 20 Aust$ |
| Kan On. Dun Anton Cefai | Lm4 |
| Kan. Prop. Salv. Camilleri | Lm4 |
| Chev. Nazinu Saliba (Canada) | Lm5 |
| George Grech (Canada) | 20 Can $ |

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA**

*Ħdud u Festi:* Fil-5.00pm u fis-6.30pm
*Matul il-Ġimgħa:* Fil-5.30pm u fis-7.00pm


ASTRA TOURS 94
**5 Ġiti mill-Isbaħ**
**Bookings: ☎ 556256**


*Editorjal...*

# RIESQA IL-FESTA TAGĦNA

Fi ftit inqas minn xahrejn oħra nkunu ċċelebrajna l-festa popolari ta' San Ġorġ, festa li tnissel fi qlubna ferħ kbir. Festa li tressaq lejn il-Belt Victoria eluf ta' Maltin li magħna jingħaqdu biex jagħtu ġieħ lill-Patrun tagħna u tal-gżira Għawdxija - San Ġorġ Megalomartri.

Nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju li għadda ngħata bidu għat-tħejjija spiritwali u kif qal Mons Arċipriet dak in-nhar fl-omelija li għamel, huwa xieraq li, minkejja li ħafna u ħafna qed jippruvaw ixekklu l-festi billi jagħtu biss deskrizzjoni ta' dak li jidhrilhom li mhux xieraq li jsir, aħna għandna nagħmlu ħilitna biex il-festa ma tiġix biss biex nifirħu u niċċelebraw imma wkoll biex tkun għalina żmien li fih nqumu spiritwalment u b'dak li nisimgħu dwar il-qaddis patrun tagħna nidħlu daħla fina nfusna u nsiru dejjem iktar insara li jagħmlu ġieħ lill-Knisja ta' Kristu.

Għalhekk huwa dmir tagħna lkoll li nitħejjew kif jixraq għall-ġranet tal-festa. Ma naħsbux biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi esterni, imma wkoll naħsbu biex inħejju qalbna ħalli nkunu nistgħu nixorbu kemm nistgħu tagħlim siewi li jkompli jseddaqna matul il-ħajja tagħna.

Id-devozzjoni u l-qima li għandna lejn il-patrun tagħna San Ġorġ għandna nsarrfuha f'għemil ta' għamla spiritwali billi matul il-Ħamisijiet ta' tħejjija naħsbu ftit fuq il-kobor u l-virtujiet tal-qaddis patrun tagħna. Għandna wkoll, sa minn meta jkunu żgħar ngħallmu lit-tfal tagħna kif għandha tkun tħejjija xierqa għall-festa. Ngħallmuhom kif għandhom jitolbu lill- patrun tagħna. Ngħallmuhom lit-tfal tagħna li kif San Ġorġ kien mhedded bil-mewt ma qatax qalbu għax kellu fiduċja għamja fi Kristu li fih emmen u li lilu tant ħabb.

B'din il-ħeġġa f'qalbna lejn il-patrun tagħna San Ġorġ żgur li nkunu qed nassiguraw li l-festi li nagħmlu f'ġieħu f'Lulju li ġej ikunu verament jixirqu lill-komunita' nisranija li qed tgħix fi tmiem is-seklu għoxrin. Hemm ħafna u ħafna x'itellifna biex ma narawx il-veru ġid li għandu jkollhom il-festi f'pajjiżna. Imma, m'għandniex naqtgħu qalbna. Irridu nipperseveraw u ma nħallux it-tlellix tad-dinja moderna jagħmina u jtellifna milli nagħrfu kemm ġid tista' tħalli l-festa jekk tiġi ċċelebrata fi spirtu nisrani awtentiku.

# L-IKLA TA' JUM SAN ĠORĠ '94



Suċċess kbir ieħor! Din kienet l-għajta fuq fomm kulħadd wara l-ikla kbira li kellna nhar il-Ħadd, 15 ta' Mejju, fit-tifkira ta' Jum San Ġorġ.

Kif intqal fid-diskors li sar f'isem il-*Ladies' Society* din is-sena, din l-ikla saret kważi xahar fuq il-jum tal-festa liturġika ta' San Ġorġ. Dan kien minħabba ż-żjara li f'April li għadda, il-Banda "La Stella" għamlet ġol-Kanada fuq stedina tal-Gorġjani Emigranti f'dak il-pajjiż. Dan l-ispostament tad-data ħoloq diversi diffikultajiet għall-organiżżaturi, minħabba li Mejju hu x-xahar tal-parties tal-Preċett u tal-Griżma, ta' Jum l-Omm u tat-tiġijiet. Iżda xorta konna 'il fuq minn mitt ruħ, membri tal-Komunita' Parrokkjali tagħna, li ħassew li ma għandhomx jonqsu minn dan l-appuntament Ġorġjan, li jkompli jkabbar u jagħmel ħajja fostna t-tifkira tal-Patrun Glorjuż tagħna.



Din is-sena wkoll, din l-Ikla kienet ippatroniżżata mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Tabone u s-Sinjura tiegħu. Kienet patroniżżata wkoll mis-Sindku s-Sur Victor Galea Pace u s-Sinjura tiegħu. Ta' min isemi li din l-Ikla kienet l-ewwel funzjoni uffiċċjali tas-Sur Galea Pace bħala Sindku tar-Rabat. Flimkien mas-Sinjura Antoinette Frendo, Presidenta tal-Ladies Society, kien hemm ukoll il-W.Rev. Mons Arċipriet Salv Borg, il-President tas-Soċjeta "La Stella" Dr. Joseph Ellis, il-President Onorarju Dr. Eugene Montanaro, kif ukoll Rev. Dr. Joseph Farrugia, is-Sur Joseph Borg, is-Sinjura Rita Ellis u Rev. Fr. George Frendo.

Fid-Diskors tagħha, moqri mic-Chaplain minħabba n-nuqqas ta' *amplifying system* , is-Sinjura Frendo ferħet lill-Banda "La Stella" għas-Suċċess tagħha ġewwa l-Kanada. Ferħet ukoll lis-Sindku l-ġdid għall-ħatra tiegħu u rringrazzjatu għad-donazzjoni li hu u s-Sinjura tiegħu għoġobhom jagħtu personalment lill-Bażilika ta' San Ġorġ. Imbagħad tat xi tagħrif dwar l-attivitajiet u l-proġetti tal-*Ladies Society*. Hija temmet id-diskors tagħha billi rringrazzjat lill-mistednin u *"supporters"* kollha għall-preżenza tagħhom u ġeddet, f'isem il-membri kollha tal-*Ladies Society*, it-talba tagħha għall-koperazzjoni fil-ħidma li ssir favur San Ġorġ.

Meta qam iwieġeb, il-Ministru Tabone stqarr li għal-*Ladies Society* hu kellu mhux biss kelma ta' approvazzjoni, iżda wkoll ta' sejħa sabiex din is-soċjeta' tkompli tkun "mudell" li soċjetajiet oħra Għawdxin jistgħu jimitaw. Hu semma' x-xewqa tiegħu li f'Għawdex tinħoloq "Federazzjoni" ta' Soċjetajiet Għawdxin li jaħdmu f'ċirku usa'. Hu qal li "Għawdex tagħna hu espressjoni tagħna lkoll". Semma' ukoll 'tifħir lill-Banda "La Stella" u stqarr: "Ma nistax nimmaġina lis-Soċjeta' Għawdxija mingħajr is-Soċjeta' "La Stella". Hu temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil dawk kollha preżenti għas-sehem li qed jagħtu sabiex Għawdex jissebbaħ f'għajnejn il-barranin.

L-Ikla ta' Jum San Ġorġ ta' din is-sena kienet l-għaxar waħda minn mindu bdiet tiġi organizzata mill-*Ladies Society*. Is-suċċess tagħha, li kien dovut ukoll għax-*Chef* Ġorġjan ta' Palazzo Margerita, is-Sur Wenzu Borg, kien kuruna xierqa fl-għaxar sena ta' ħidma tal-*Ladies Society* u awgurju mill-aqwa għall-għaxar snin li ġejjin.

Lafayette
Photo Studio
St. George's Square
Victoria, Gozo.
for professional work...

# IL-BANDA ĊITTADINA LA STELLA TFERRAH L-

L-imħabba , l-għożża u r-rispett lejn il-kultura u d-drawwiet tradizzjonali ta' pajjiżna għadhom ferm evidenti fil-moħħ u l-qalb ta' kull emigrant Malti u Għawdxi, li jinsab jaħdem f'Toronto, il-Kanada. Partikolarment fejn jidħlu d-drawwiet karatteristiċi tal-festa maltija, ħafna mill-emigranti tagħna għandhom ibaqbaq ġewwa fihom l-istess spirtu, ħeġġa u entużjażmu ta' żmien tfulithom.

Dan intwera biċ-ċar waqt żjara li l-Banda Ċittadina La Stella għamlet dan l-aħħar fost il-komunita' Maltija f'Toronto, Ontario, fejn il-Banda kienet mistiedna tieħu sehem fil-Festa ta' San Ġorġ Martri. L-istedina sabiex il-Banda La Stella tipparteċipa f'din il-Festa tant għal qalb l-emigranti Maltin u Għawdxin, u li issa ilha tiġi ċċelebrata f'din il-belt għal dawn l-aħħar sittin sena, twasslet mill-***Festa San Ġorġ Association***, għaqda iffurmata minn ħames uffiċċjali mill-aktar ħabrieka li sena wara l-oħra qed jagħmlu minn kollox biex ikabbru din il-Festa.

Il-Banda La Stella bdiet il-mawra tagħha fil-Kanada, l-għaxar vjaġġ tagħha 'l barra minn xtut artna mill-1947 'il hawn, kmieni l-Ħadd, 17 t'April, fuq titjira Malta-Londra-Toronto. Il-kontinġent kollu kien jinkludi grupp ta' 70 ruħ, bejn bandisti, membri tal-Kumitat u numru żgħir ta' partitarji.

Mal-wasla tagħha fil-Pearson International Airport ta' Toronto, il-Banda ngħatat merħba minn għadd kbir ta' emigranti, l-aktar dawk Għawdxin, ammiraturi u partitarji ta' din l-Għaqda Mużikali ewlenija t'Għawdex. Fost għajjat ta' ferħ u tixjir ta kuluri Maltin, l-emigranti tagħna taw tislima mill-aktar komoventi lill-grupp kollu. Il-Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Kanada, is-Sur Milo Vassallo, il-Kumitat Festa San Ġorġ Association u l-Kav. Nażinu Saliba, li kien strumentali sabiex din iż-żjara setgħet isseħħ, kienu minn ta' l-ewwel li laqgħu l-Banda u l-grupp tagħha.

**■ PROGRAMMI TA' MARĊI**

L-Ewwel servizz tal-Banda La Stella kien Progamm ta' Marċi fil-Każin tal-Malta Band Club Incorporated, nhar it-Tlieta, 19 ta' April. Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Joseph Vella, il-Banda daqqet diversi marċi popolari, kitba ta' wħud mill-aqwa kompożituri Maltin. Numru kbir ta' emigranti ħonqu s-sala prinċipali tal-Każin biex għal madwar sagħtejn tpaxxew bid-daqq ferrieħi u brijuż tal-Banda La Stella. Flimkien mal-Banda ngħaqdu jdoqqu f'dan il-kunċert u f'kunċerti oħra li saru wara, wħud mill-bandisti tal-Malta Band Club Inc.

Kunċert ta' Marċi brijużi nżamm fl-istess Każin l-għada, l-Erbgħa, fil-presenza ta' numru saħansitra ikbar ta' emigranti Maltin u Għawdxin li, flimkien mal-familji tagħhom, ippakkjaw is-sala tal-kunċerti sa tard fil-għaxija.

Il-Ħamis, 21 ta' April kien imiss il-Melita Soccer Club li jospita l-Banda. hawnhekk ukoll id-daqq ferrieħi tal-Banda Għawdxija mela b'ferħ u entużjażmu liema bħalu lil numru sabiħ minn ħutna l-emigranti. Man-noti brijużi tal-marċi, ma naqasx it-tixjir ta' l-imkatar, il-kant, iċ-ċapċip, kif ukoll il-ġiri għat-tazzi tax-xorb, li bdew għaddejjin kontinwament minn id għall-oħra tul is-serata kollha.

**■ DIMOSTRAZZJONI F'DUNDAS**

Il-qofol tal-festa ntlaħaq il-Ġimgħa 22 ta' April, meta l-Banda kienet impenjata fi tlett servizzi. L-ewwel wieħed kmieni wara nofs in-nhar, il-Banda għamlet Marċ li telaq minn quddiem il-Malta Band Club Inc. u baqa' sejjer matul Dundas Street West. Mijiet ta' Maltin u Għawdxin immarċjaw quddiem il-Banda f'din l-okkażżjoni.

Hekk kif il-Marċ wasal fil-Malta Park, inġabet l-istatwa ta' San Ġorġ, li nħadmet fl-1930 għall-Parroċċa ta' San Pawl, u li din is-sena ġiet irrestawrata mis-Sur Anthony Camilleri. F'ċerimonja qasira iżda ferm mistennija, il-Kappillan tal-Parroċca, Fr. Raymond Falzon OFM, bierek l-istatwa waqt li l-Banda esegwiet l-Innu Popolari "Lill-Kbir Martri San Ġorġ", kitba ta' Mro Vincenza Ciappara u versi ta' Patri Akkursju Xerri OFM.

Minn hawnhekk l-istatwa nġarret proċessjonalment sal-Knisja ta' San Pawl, akkumpanjata mid-daqq tal-Banda La Stella. Ta' min igħid li din kienet l-ewwel darba li saret purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ f'Toronto.



*L-Istatwa ta' San Ġorġ qed tiġi mbierka minn Fr. Raymond Falzon ġewwa Malta Park*



*Mons. Arċip. Salv Borg imexxi Konċelebrazzjoni f'St. Paul's Church.*

# EMIGRANTI MALTIN U GĦAWDXIN FIL-KANADA

Hekk kif l-istatwa tqegħdet fil-post mħejji għaliha fil-Knisja ta' San Pawl, li hija mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri, ingħata bidu għall-Quddiesa Solenni, iċċelebrata mill-W.R. Mons. Salv Borg, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, flimkien ma' sitt saċerdoti oħra. Matul il-quddiesa, li għaliha kien hemm preżenti waħda mill-akbar kongregazzjonijiet li qatt rat din il-knisja, il-Banda La Stella daqqet diversi innijiet reliġjużi. Bosta personalitajiet distinti kienu preżenti għal din il-Quddiesa.

Ċertament li wieħed mill-aktar mumenti emozzjonanti f'din il-Quddiesa kien il-Paniġierku f'ġieħ il-Qaddis Martri ta' Lydda, li Mons. Arċipriet Salv Borg għaref jinseġ b'ħila u kapaċita singolari. L-applawsi twal li rċieva fi tmiem il-Paniġierku kienu xhieda tal-ferħ ġenwin u l-entużjażmu tremend li rnexxielu jqanqal fil-qlub tal-Ġorġjani Rabtin u Qormin.

■ **ENTUŻJAŻMU FOST L-EMIGRANTI**

Il-Festa ta' San Ġorġ ġiet fit-tmiem tagħha, s-Sibt 23 t'April, meta l-Festa San Ġorġ Association organizzat Gala Dinner Dance li għalih attendewa madwar 850 ruħ. Is-Sala enormi li fiha sar id-Dinner Dance ngħatat ambjent tipiku ta' festa Maltija, fejn spikkaw, fost l-oħrajn, żewġ kwadri kbar tal-Qaddis, sett ta' tliet pavaljuni u strixxi twal ta' drapp abjad u aħmar.

Il-Banda kienet ukoll mistiedna tattendi għal dan id-Dinner Dance, f'post riservat għaliha. Lejn tmiem id-Dinner Dance, il-Banda ferrħet lil dawk preżenti bid-daqq ta' marċi Maltin. L-entużjażmu hawnhekk deher fl-aqwa tiegħu hekk kif is-Sala kollha infexxet f'delirju ta' ferħ, kant, għajjat u ċapċip li jtarrax, fost in-noti ħelwin tad-daqq tal-Banda.

Qabel ma ntemm id-Dinner, il-President tal-Banda La Stella, Dr. Joseph Ellis, ingħata diversi rigali u Shields bħala tifkira ta' l-okkażżjoni, fosthom dawk ta' Bob Rae, Premier tal-Provinċja ta' Ontario, ta' Elaine Ziamba, Minister of Citizenship, u tas-Sur Milo Vassallo, Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Kanada. Min-naħa tiegħu, Dr. Ellis ippreżenta wkoll bosta tifkiriet f'isem is-Soċjeta' lil bosta personalitajiet preżenti.

Rigal partikolari ġie mogħti lill-Kav. Nazinu Saliba, bħala sinjal ta' apprezzament għal dak kollu li għamel sabiex il-mawra tal-Banda fil-Kanada setgħet tkun waħda ta' suċċess.

Tul il-mawra tagħha f'Toronto, il-Banda ttieħdet iżżur għadd sabiħ ta' postijiet ta' interess turistiku, fosthom in-Niagara Falls, il-Martyrs' Shrine, CN Tower, Skydome, it-Town Hall ta' Toronto u dik ta' Mississauga, High Park u oħrajn.

■ **RIĊEVIMENT**

F'ġurnata minnhom, il-Banda kienet il-mistiedna tas-Sur Anthony Aquilina (partitarju akkanit tal-Banda) u tas-Sinjura Aquilina għal Riċeviment kbir li ngħata fil-Villa sabiħa tagħhom. Il-Banda rreċiprokat l-istedina tas-Sur u Sinjura Aquilina billi tathom sorpriża ħelwa li ftit li xejn stennew: il-Banda daqqet għadd ta' Marċi fil-Villa tagħhom, ġest li ġie apprezzat mhux ftit mill-familja Aquilina.

L-Aħħar impenn tal-Banda fil-Kanada kien "Farewell/ Thank You Dinner" li sar fil-Każin tal-Malta Band Club Inc., ġurnata biss qabel it-tluq tagħha lura lejn malta. Kemm il-President tas-Soċjeta', Dr. Joseph Ellis, kif ukoll is-Surmast Direttur tal-Banda, Mro. Joseph Vella, ingħataw bosta rigali ta' rikonoxximent għas-sehem siewi li l-Banda tat matul il-mawra tagħha f'Toronto. Fost dawk li ppreżentaw rigali lill-Banda kien hemm is-Sur Fred Sherri, President tal-Festa San Ġorġ Association, u s-Sur Charles Azzopardi, President tal-Malta Band Club Inc. Mons. Arċipriet Salv Borg ukoll ingħata bosta rigali ta' tifkira.

Il-Banda La Stella reġgħet lura Malta l-Ġimgħa, 29 t'April. B'hekk intemmet mawra oħra memorabbli għas-Soċjeta Filarmonika La Stella, l-ewwel Għaqda Mużikali Għawdxija li qasmet l-Atlantiku u daqqet fin-North America. Kienet mawra oħra prestiġjuża, ħolqa oħra fil-katina twila ta' suċċessi li s-Soċjeta' sa mill-imgħoddi kisbet bil-mawriet tagħha barra minn Malta, paġna oħra tad-deheb fl-istorja glorjuża ta' din is-Soċjeta' ewlenija tal-gżira tat-Tliet Għoljiet,

***Il-mawra tal-Banda La Stella fil-Kanada, kienet spsonsorjata mill-Mid-Med Bank.*** ■



*Ritratt tifkira tal-Grupp kollu fuq il-Presbiterju ta' St. Paul's hekk kif intemmet il-Konċelebrazzjoni*




*Festa Ġorġjana waqt Dinner Dance fil-Lithuanian Hall, bis-sehem tal-Banda La Stella*

**SENA INTERNAZZJONALI TAL-FAMILJA**

*BRUNO FERRERO, fil-ħarġa t'April tal-Bolettino Salesiano, joffri tnax-il punt li għandhom jgħinu biex jinħoloq spirtu tal-familja fl-ambjenti kollha tad-Djar Salesjani, u dan fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' Don Bosco. L-istess tnax-il punt għandhom jgħinu lilna wkoll biex fid-djar tagħna jikber u jilħaq il-quċċata tiegħu*

# L-ISPIRTU TA' FAMILJA

**1. INKUNU VERAMENT PREŻENTI**

Jiġifieri irridu nidħlu għal kull attivita', li rridu nwettqu l-missjoni tagħna, irridu ninvestu ż-żmien, l-enerġiji, r-rieda, s-sagrifiċċju: fi kliem ieħor rridu naraw kemm qed nagħtu lilna nfusna lill-familja tagħna. Il-Familja tiġi l-ewwel, qabel kull ħaġa oħra tad-dinja. Ħafna familji "qed imutu" sempliċement minħabba nuqqas ta' ħeġġa u traskuraġni.

**2. INĦOBBU LIL XULXIN**

U dan irridu ngħiduh lil xulxin. L-Imħabba "one-way" ma fhiex sens u ftit iddum. Ilkoll aħna responsabbli tal-ferħ familjari.

**3. NAGĦMLU KOLLOX FLIMKIEN**

Għall-mistoqsija " X'hemm bżonn biex ikollok familja kuntenta?", it-tweġiba tal-1500 persuna li ġew intervistati ma kenitx il-flus, il-karozzi jew inkella xi dar sabiħa, iżda l-"possibilta' li nagħmlu xi ħaga flimkien"; "Ngħaddu l-ħin tax-xogħol u tad-divertiment flimkien".

**4. NIKKOMUNIKAW**

"Niddedikaw ħafna ħin biex nitkellmu b'mod sempliċi flimkien". Hekk qal wieħed missier. "Xi kultant toħroġ xi problema, xi sitwazzjoni intima, li timbuttana nitkellmu dwarha u niddiskutuha. Jekk ibni ma jasalx biex ikellimni dwar il-karozzi jew l-isport, kif qatt nista' nistenna li jasal jiddiskuti miegħi problemi ferm aktar jaħarqu, bħad-droga, eċċ.?" Il-ġenituri jridu fuq kollox jitgħallmu jitkellma ma' wliedhom u mhux ikellmu lil uliedhom.

**5. NAPPREZZAW LIL XULXIN**

Li wieħed iħossu stmat u apprezzat mill-oħrajn hi esiġenza vitali ta' kull bniedem. Fil-familji ferħana, il-grad ta' apprezzament reċiproku hu ferm għoli. Waħda omm kitbet: "Kull filgħaxija nidħlu fil-kamra ta' wliedna, ngħannquhom magħna, nbusuhom u ngħidulhom: Intom verament tfal tajba u aħna nħobbukom ħafna". Aħna nemmnu li hu importanti nwasslu dan il-messaġġ fit-tmiem ta' kull ġurnata.

**6. NITTRASMETTU**

Il-Familja hija l-ewwel mezz li jwassal il-għarfien tad-dinja: tittrasmetti valuri, ġudizzji, ideoloġiji. Hi l-aħjar post biex "nikbru" flimkien. It-trasmissjoni tal-għarfien hi fuq kollox afdata f'idejn il-ġenituri, li minn



naħa tagħhom jitgħallmu ċertu affarijiet importanti mingħand l-ulied, li jġibu magħhom id-dar informazzjoni ġdida u anke tendenzi ġodda. Hu mportanti niftakru li l-bnedmin jitgħallmu mill-*mudelli*. Ma jitgħallmux ħaġa għax sempliċement tkun intqalet. Jitgħallmu billi jħarsu, josservaw, jieħdu xi ħaġa u jippruvawha. Hekk titgħallem il-familja.

**7. NGĦINU LIL XULXIN**

Fejn nistgħu nsibu għajnuna u konsolazzjoni fil-mumenti diffiċli, jekk mhux fil-familja? Familja b'saħħitha hi dak il-post li fih wieħed jidħol ifittex il-konfort, biex jikber, jerġa jieħu r-ruħ, post li minnu noħorġu mġedda u b'saħħitna, mimlija qawwa meħtieġa biex naffrontaw il-ħajja b'impenn posittiv.

**8. NIPPRUVAW**

Il-Familja hija dik il-biċċa art sperimentali li fiha jiġu ppruvati ideat u komportamenti billi nirċievu **"riflessi"** li jgħinuna naraw lilna nfusna sewwa. Per eżempju, l-adolexxenti iħossu l-ħtieġa li jippruvaw l-ideat u l-komportamenti tagħhom, bl-istess mod kif jippruvaw l-ilbiesi tagħhom quddiem il-mera. Dawk li jħobbuna huma lesti li jkunu din il-**"mera"** quddiemna. Kapaċi wkoll jikkoreġuna bit-tjubija meta jkun hemm il-ħtieġa.

**9. INSOLVU L-PROBLEMI**

Anke l-familji magħquda jkollhom il-problemi tagħhom. Iżda għandhom ukoll il-kapaċita' jirbħu kull diffikulta' hekk kif din titfaċċa quddiemhom. Quddiem kull problema huma ma jsaqsux: **"Ta' min hi l-ħtija?"** u ma joqgħodux jitilfu ż-żmien biex jagħmlu proċessi jew joqgħodu janalizzaw l-aspetti negattivi tal-persuna milquta. Il-mistoqsija li jagħmlu hija dejjem: **"Kif ser nagħmlu biex noħorġu minn din il-problema?"**

**10. GĦANDNA BŻONN TA' RUĦ**

L-imħabba familjari ma tgħix mingħajr għeruq sodi u b'saħħithom. Il-familji ferħana jesprimu konkretament fil-ħajja ta' kull jum d-dimensjoni spiritwali tagħhom. Huma jaqsmu flimkien mhux biss id-dar u l-ikel, iżda wkoll il-valuri awtentiċi. Il-familja li titlob flimkien, maż-żmien takkwista ruħ kbira magħmula minn tenerezzi, maħfra, komprensjoni, Alla.

**11. NAĦFRU**

Wieħed għaref darba qal: "Hekk kif ġlieda tintemm, insiha!" L-imħabba familjari hija dejjem indulġenti. L-ulied jistgħu dejjem jiġu mċanfra, bla ma jgħaddilhom minn moħħhom, li l-ġenituri tagħhom ma jħobbuhomx.

**12. NIĊĊELEBRAW**

Il-familji ferħana "jiċċelebraw" il-ferħ tagħhom. Permezz tal-festi u ta' rikorrenzi possibbli. Dan għandu jseħħ fi klima normali ta' ferħ u ta' ottimiżmu. ■

## Ir-Rokna tat-Tfal

Għeżież Tfal,

Qabel xejn, illum irrid nifraħ lil dawk fostkom li f'dawn l-aħħar ġranet irċivew għall-ewwel darba lil Ġesù Ostja u lil-oħrajn li rċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Lil tal-Preċett ngħidilhom biex issa jibqgħu jirċievu lil Ġesù Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum u ma jitilfux Tqarbin għal xejn b'xejn. Lil dawk tal-Griżma ta' l-Isqof nagħtihom parir biex ikunu xhieda ta' Kristu f'ħajjithom, dejjem u kullimkien, isa li saru nsara adulti u suldati ta' Kristu.

Issa, tfal, bil-mod il-mod, resqin il-ġranet li fihom tagħmlu l-eżamijiet annwali. Xi wħud minnkom tant kibru li saħansitra waslu biex joqgħodu għall-eżamijiet tal-G.C.E. Għaldaqstant inħeġġiġkom biex tkunu dejjem imħejjija tajjeb għal kull eżami li se tersqu għalih. Ngħidilkom ukoll biex tkunu tfal ta' paċenzja u ma titilfux sabarkom. Waqtiet l-istudju jħabbatkom u ssibuh xi ftit tqil ukoll. Imma taqtgħux qalbkom. Komplu ssiltu sa' l-aħħar bis-sabar u l-paċenzja sakemm dak li għandkom titgħallmu, titgħallmuh.

Aqraw din l-istorja.

Ġrajja li kienet popolari ħafna ma' l-Ingliżi fi żmien il-gwerra tgħid kif darba fl-1942 Hitler, Mussolini u Churchill iltaqgħu fi ġnien fi Franza biex jippruvaw jagħmlu paċi. Imma ħadd ma ried iċedi. Fl-aħħar ftiehmu li jagħmlu sfida u min jitlef ikollu jċedi.

Maġenbhom kien hemm għajn fejn kien hemm ħuta mdaqqsa ta' l-ilma ħelu. Ftiehmu li min jirnexxielu jaqbad il-ħuta jkun ir-rebbieħ.

Beda Hitler. Ħareġ pistola u spara l-bullets kollha li kellu. Imma fl-ilma l-bullets jitmewtu u l-ħuta baqgħet isserrep qisu ma ġara xejn.

Imbagħad Hitler qal lil Mussolini biex jinżel fl-ilma u jaqbadha. Mussolini obda u dam xi kwarta jgħum, jogħdos u jitħabat. Imma għalxejn, għax il-ħuta kull darba kienet tiżgiċċa minn idejh.

Iż-żewġ mexxejja ħasbu li l-biċċa kienet impossibli u komplew jieħdu l-kafe'.

Imma Churchill li kien qagħad jaħseb bil-kalma, qabad il-kuċċarina u resaq lejn l-għajn. U beda jbattal l-ilma bil-kuċċarina għal ġol-ġnien. Hitler u Mussolini bdew jidħku, imma Churchill weġibhom:

"Bil-mod, imma fl-aħħar il-ħuta tispiċċa f'idejja!"

Qegħdin taraw, tfal, kif bis-sabar u l-paċenzja jirnexxielkom tagħmlu kollox!.

Tata' *Iz-Zija Peppi.*

# Kompetizzjonijiet għat-Tfal

### • Kompetizzjoni Nru. 1

Għal tfal minn Year 4 sa Year 6 fl-iskejjel Primarji

*Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:*

1. F'liema pajjiż ġiet mistiedna l-Banda La Stella ftit ġimgħat ilu?
2. Min hu l-President il-ġdid tar-Repubblika ta' Malta?
3. Ma' l-arma ta' Malta naraw żewġ fergħat minn żewġ kwalitajiet ta' siġar. Liema huma?

### • Kompetizzjoni Nru. 2

Għall-istudenti ta' l-iskejjel Sekondarji

*Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:*

1. Min laħaq president ta' l-Afrika t'Isfel?
2. Semmi l-ħames lokalitajiet fejn saru l-elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali f'Għawdex fl-14 ta' Mejju 1994?
3. X'ifissru l-ittri li juffurmaw il-kelma VAT - it-taxxa li tant qed nitkellmu dwarha?

*Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom fl-imkien ma l-isem, l-indirizz u f'liema klassi qegħdin f'dan l-indirizz: IL-BELT VICTORIA, Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karita' Victoria, mhux iktar tard minn nhar is-Sibt 11 ta' Ġunju 1994. Jingħataw premijiet sbieħ ta' kotba lir-rebbieħa.* • **Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni fil-ħarġa Nru. 77: Sylvana Bezzina, 298, Fontana Street, Victoria.**

*mill-paġna ta' quddiem*

## IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

anke fid-djar qed jinħolqu sitwazzjonijiet diffiċli għall-membri ta' l-istess familja. Rigward ilbies indiċenti fid-djar mhux darba u tnejn tisma' min jgħidlek: **"U b'daqshekk x'fiha! Għadhom żgħar!"** Min jitkellem b'dan il-mod ikun qed jikkundanna ilu nnifsu u jkun ta' ħsara għal dawk ta' madwaru. Meta ngħidu:"Din x'fiha?", jew "B'daqshekk!" inkunu qed nuru li fil-fatt xi ħaġa ħażina hemm, għaliex kieku ma nużawx dawn iż-żewġ kelmiet. **Mela, tkunx ta' skandlu f'darek stess!**

Tista' tinfluwenza l-membri l-oħra bit-tip ta' programmi li tara fuq it-T.V., bil-Videos li tikri jew tissellef, u bir-rivisti li tixtri.

Jeħtieġ li neqirdu minn fostna dik il-frasi: **"U kollox jgħaddi!"** Le mhux kollox jgħaddi, u b'mod speċjali fil-knisja. Il-Knisja hija d-Dar ta' Alla. Qabel tmur il-knisja staqsi lilek innifsek jekk l-ilbies tiegħek jixraqx lill-knisja. Staqsi jekk bl-ilbies tiegħek intix ser ittellef lil ħaddieħor. Jekk intix ser tiġbed il-ħarsa ta' dawk ta' madwarek.

Għalhekk, ħallini ngħidlek li ma hijiex ħaġa xierqa li tmur il-knisja bix-shorts, b'xi flokk taċ-ċingi, jew ilbiex ieħor li fil-fond ta' qalbek taf li ma jmissekx tilbes għall-knisja. Isma', fl-aħħar mill-aħħar: Qatt rajt 'il xi ħadd bil-flokk taċ-ċingi jew b'shorts għall-xi party, tieġ, il-Qorti, eċċ. Mela tinsiex: irrispetta lilek innifsek. Irrispetta lill-oħrajn. Irrispetta d-Dar ta' Alla.

Kont ser nieqaf hawn dwar id-diżonesta'; iżda naħseb li hemm diżonesta oħra li ma għidtlek xejn dwarha.

Fis-sajf jiġu ħafna Maltin u turisti jżuruna. Jiena ċert li anke int tingħaqad magħna biex nagħtuhom il-merħba u nixtiequlhom vaganza sabiħa f'Għawdex tagħna. Jiena ċert ukoll li tingħaqad magħna fl-appell li nagħmlulhom sabiex iġibu ruħhom tajjeb u jirrispettaw lin-nies tal-post.

Iżda ħallini ngħidlek ukoll li hija diżonesta' minn naħa tiegħek jekk tikrilhom il-flat bi prezz esaġerat, jekk titlobhom prezz għola ta' l-affarijiet li jixtru mill-ħanut, bar jew Restaurant tiegħek. U tkun diżonesta' minn naħa tiegħek jekk minħabba l-flus tikri l-flat tiegħek lil min ġie ġie, avolja tkun taf li min qed jitlobulek ma jixraqlux jgħaddi l-lejl jew iljieli l-bogħod mill-familja tiegħu f'kumpannija li hija biss ta' ħsara u qatt ta' ġid.

Din il-kelma li xtaqt ngħidlek illum, hekk kif ninsabu fuq l-għatba tas-sajf. Forsi dak kollu li għidtlek ma jinteressakx għax dejjem fittixt li tkun onest. Tant l-aħjar! Iżda jekk jogħġbok, agħti int ukoll is-sehem tiegħek, u fejn tara xi tip ta' diżonesta', b'imħabba, bil-kalma u bil-persważjoni semma' leħnek. Għaliex xi kultant, is-skiet hu wkoll diżonesta'.

*Mons. Salv Borg, Arcipriet*

# GIMGHA EWKARISTIKO-LITURGIKA FIL-PARROCCA

*Il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika nżammet fil-parroċċa tagħna bejn il-Ħadd 1 ta' Mejju u l-Ħadd 8 ta' Mejju. Inżammu diversi attivitajiet u fosthom ta' min isemmi l-Vjatku Solenni, l-Ewwel Tqarbina minn idejn Mons Isqof Nikol Cauchi nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju u l-għoti tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni min idejn Mons Isqof ukoll, nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju. Il-qofol ta' din il-ġimgħa kienu t-tlett ijiem tal-Kwaranturi Imqaddsa li ngħalqu b'Pontifikal Solenni nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju u wara purċissjoni bis-Santissimu Sagrament mat-toroq tal-Belt Victoria.*

## IT-TFAL BNIET LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA



Asciak Elaine, Attard Marilyn, Attard Ramona, Borg Deborah, Borg Pauline, Buttigieg Leanne, Cachia Anita Jane, Farrugia Catherine-Joe, Farrugia Olivia, Farrugia Veronica Ann, Fenech Krystle, Gauci Tania Georgette, Haber Joscelin, Mercieca Elena, Mercieca Heather, Mercieca Joanna, Peresso Ylenia, Portelli Anita, Portelli Noemi, Rapa Maureen, Sacco Maria, Saliba Cyntia, Saliba Lorna, Saliba Miriam, Tabone Melissa Sue, Theuma Miriam, Vella Josianne, Vella Suzanne, Xerri Romina.

## IT-TFAL SUBIEN LI RCEVEW IL-GRIZMA TA' L-ISQOF



Abela Ino Mario, Agius Christian, Asciak Brian, Attard Anthony Francis, Attard Christopher, Attard George, Buttigieg Jean Paul, Cachia Philip Joseph, Cassar Edmund, Cremona Eddie-Joe, Cremona George, Farrugia Anthony, Farrugia Emanuel John, Farrugia George, Farrugia George Frank, Farrugia Joseph, Farrugia Josmark, Farrugia Manuel, Fenech Dominic, Formosa Mark, Galea David, Gatt Michael, Gauci John Ludovic, Grech Christian, Mizzi Anthony, Peresso Jean Pierre, Portelli Keith, Said Kim, Saliba Steve Joseph, Schembri Mario Joseph, Sciberras George, Vassallo Adrian, Vella George Frans, Xuereb Mario, Zammit George Louis, Zammit Justin, Zammit Michael George.

## IT-TFAL SUBIEN LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA



Attard Daniel, Attard George Mario, Bartolo Tony, Borg Joseph, Borg Mario, Bugeja Michael, Busuttil Jeremy, Cordina Keith, Cassar Noah George, Cauchi Jurgen, Cini Antoine, Farrugia Jamie, Fenech David Mario, Gafa' Christopher, Galea Anthony, Galea George, Gatt Jason, Gatt Robert, Gatt Simon, Grech Andrew, Grech Rodrick, Grima George A., Mercieca Mario, Muscat Joseph Saviour, Portelli Daniel, Sacco George, Saliba Christopher, Schembri Rodrick, Spiteri Charles, Spiteri Clinton, Tabone Joseph, Tabone Michael, Tabone Robert, Theuma Adrian, Vassallo David, Xuereb Steve.

## IT-TFAL BNIET LI RCEVEW IL-GRIZMA TA' L-ISQOF



Bezzina Pamela, Borg Francene, Borg Vanessa, Bugeja Roberta, Cachia Georgianne, Camilleri Joyce, Cassar Maria, Cassar Ritienne, Farrugia Maria, Gauci Tamara Michelle, Grech Dona, Grech Rowena, Grima Ann Marie, Grima Maria, Micallef Denise, Micallef Nathalie, Muscat Rose Marie, Portelli Maryanne, Sacco Georgene, Saliba Karen, Scicluna Sabrina, Vella Daniela, Vella Joanne, Vella Mignonne, Xuereb Diane, Xuereb Georgina.

E-exprint

*Silk Screen Printing on T-Shirts, Sweat Shirts, Sports and Fashion Wear, Napkins, Scarves, caps and Banners.*

*Joseph Vella*

**114, Charity Street, Victoria, Gozo. • Tel: 560464**

A+M PRINTING LTD. - QALA